K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tad-dsatax (19) –il laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru, 2009 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm), fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsilliera
Nadia Zammit Kunsilliera
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**
1.1. Il-Minuti tas-sbatax -il laqgħa tqassmu ġimgħa qabel u inqraw.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**
2.1. Il-Minuti tal-laqgħa tmintax ser jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**
Ma kienx hemm punti mqajma minħabba li ser jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**
4.1. Is-Sindku qal li rigward l-applikazzjoni li għamilna sabiex ikollna għajnuna għal Irkotta Fest ġiet milqugħa u aċċettata. Għalhekk nhar il-Ġimgħa 20 ta' Novembru kellna il-preżentazzjoni ta' parti mit-talba li għamilna fejn il-Kunsill ingħata l-ammont ta' €3,000 mid-€9,000 li tlabna.

4.2. Mario qal li rigward il-GAL Xlokk nistgħu ikollna €80,000 (Lm34,344) biex nagħmlu l-Green Core.

4.3. Is-Sindku xtaq ukoll li napprovaw l-injam għal-pitch tal-boċċi li iservi ta' burdura mal-pitch kollu. Kulħadd approva dan u anke li jinxtraw is-set tal-boċċi.

4.4. Rigward il-kuntratt tal-football is-Sindku qal issa li skada tajjeb li jkollna breakdown rigward il-coaches u kemm qed ikun hemm tfal li jattendu fin-nerseri. Wara li jkollna dan inkunu nistgħu nipproċedu għall-iffirmar ta' l-istess kuntratt.

4.5. Is-Sindku ippropona li jinxtara scaffolding sabiex ikun tal-Kunsill u ma jkollnix għalfejn nikru kull darba li jkollna bżonn. Din il-proposta ma qablux magħha Stephen Mizzi u Joe Carbone.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

5.1.1. Il-Viċi Sindku beda billi staqsa, dwar kemm inkitbu individwi għal-kompetizzjoni tal-presepji. Is-Segretarju qallu li s'issa hemm ħames minn nies.

5.1.2. Imbagħad, huwa qal li, skutu taż-Żurrieq ser jagħmlilna christmas cakes żgħar, bil-prezz ta' madwar € 0.80c ser ikollna nagħmlu maqwar 200 wieħed. Il-viċi-sindku stqarr li huwa xtaq, li meta jkunu ser jitqsassmu dawn il-kejkijiet, il-kunsilliera flimkien mas-Sindku jduru d-djar ta' l-anzjani flimkien.

5.1.3. Dwar il-ħarġa tat-tfal, fiċ-ċinema, il-Viċi-Sindku qal li Antonia qiegħda tipprova li tkun għal-4 ta' Jannar 2010.

5.1.4. Is-sur Carbone, qal li x-xogħol fuq l-installazzjoni tad-dawl, fil-kunsill il-ġdid għaddej b'ritmu mgħaġġel. Se jbatti ftit, peress li l-ħaddiema ser joħorġu bil-leave fit-tul. Stqarr, li kollha offrewlu, li jekk ikollu bżonnhom, lesti li jidħlu, basta ma jitilfux il-ġranet tal-leave li ma jilħqux jieħdu.

Il-Viċi Sindku, imbgħad semma l-problema li għandu, peress li għadu ma jafx x'airconditioners ser jeħlu fis-sala ta' fuq. Dan ix-xogħol irid jitwettaq, qabel ma jsir is-suffett. L-aħjar ħaġa hi, li jekk tkun mgħarrfa x'tip ta' A/C ser jitewaħħlu, tinħareġ tender, jew jinġabru tlett quatations, biex jiġu mgħoddija l-pajpijiet mis-saqaf, kif ukoll jitgħaddew id-drains, qabel ma jsir is-suffett u qabel ma jitwaħħal il-madum. Is-Segretarju qallu li il-quotations ta' l-Airconditioners ser jintlaqaw flimkien ma dawk tas-suffetti.

Is-Sur Carbone kompla billi semma it-tqegħid tal-madum. Irrefera għal-dak li s-Sindku staqsa lil ħaddiema, dwar it-tqegħid tal-madum. Meta s-Sindku staqsiehom jekk humiex lesti li jqiegħduh, Mario Farrugia qal li hu iqiegħdu. Bir-rispett kollu, ma jġibux sewwa. Joe Camilleri qal lil Viċi sindku, li meta Mario Farrugia qiegħed ta' l-akkademja, tgħidx kemm qala warajh u kemm irranġa madum. Is-sur Carbone stqarr, li miegħu, stqarrew li qed jaqtgħu qalbhom minnu. Biex iqiegħduh ħażin, aħjar inqiegħduh b'xi kuntrattur. Il-madum jitqiegħed darba għal-dejjem. Mhux sewwa li spiża bħal dik, imbagħad ikollna madum imħanżer, kompla stqarr is-sur Carbone. Carbone ippropona wkoll li nagħmlu laqgha ma' l-Onor Chris Said sabiex nitolbuh xi ħaddiema oħra ta' l-IPSL.

Imbagħad is-sur Carbone kompla jsemmi li jista jinxtara l-ġibs. Għax kif jitlestew il-pajpijiet, li mhumiex il-bogħod, jistgħu jibdew jiksu.

5.1.5. Il-Viċi Sindku, imbagħad staqsa, għaliex il-bennej reġa' ma ġiex biex inaddaf il-bitħa, u biex jagħmel is-saqaf tat-tromba. Il-bennej irid jagħmel il-lastku bejn il-qtugħ fil-kontra bejt. Il-gallariji huma kważi lesti, anke r-rixtellu, daqt ikun lest. Jekk jitwaħħal ir-rixtellu qabel ma titranġa l-bitħa, ħsara tista tiġrilu. Is-Sur Carbone qal li xtaq javża, li jekk il-kuntrattur tax-

xogħol tal-ferro battuto jċempel biex jiġi jqiegħed il-ġallarijji, min iwieġbu, għandu jinfurmah, biex ma jqiegħedx il-gallarija tan-nofs għalissa, għax iridu jdaħħlu t-torba ta' taħt il-madum.

5.1.6. Il-Viċi Sindku imbagħad semma li meta ġie Pierre ta l-alarms, dan tah xi ideat, dwar is-CCTV cameras ġewwa l-kunsill il-ġdid, kif ukoll fuq barra l-bini. Is-sur Carbone staqsa, jekk il-kuntratt tax-xogħol fuq CCTV, alarms u xogħol konnes magħhom, hux ser joħroġ tender, jew hux ser isir ftit ftit, minħabba n-nefqa kbira. Fil-każ, lil min ser jingħata x-xogħol, biex il-Viċi Sindku jkun jista jaħdem miegħu, biex ilestilu l-pajpijiet, kif u fejn ikollu bżonn, peress li x-xogħol tal-pajpijiet qiegħed fil-fażi finali. Dan għaliex ħadd ma jaħdem l-istess fis-sistemi tiegħu.

5.1.7. Il-Viċi Sindku imbagħad kompla biex semma li l-kuntrattur tad-dawl, qiegħed idum biex jirranġa l-lampi maqtugħin. Staqsa jekk hux qiegħed isir ix-xogħol skond il-ġurnata li jmissna f'}al Kirkop? Is-Segretarju qallu li iva u ġieli anke jiġu fi ġranet oħrajn skond il-bżonn.

5.1.8. Il-Viċi Sindku imbagħad semma li hemm diversi toroq li għandhom bżonn urġenti tal-patching, forsi l-aktar urġenti hija t-triq ta' wara c-cimiterju, għax hemm ftit ħofor fondi mhux ħażin.

5.1.9. Is-Sur Carbone kompla billi staqsa jekk il-Koptasin irrispondewx fuq l-istima għar-refreshing tas-sinjali tat-toroq. Is-Segretarju qallu iva u ippreżenta l-istima fuq il-mejda.

5.1.10. Il-Viċi Sindku semma li ġibdulu l-attenzjoni li waħda mara qiegħda tgħale fil-qtates quddiem il-Kunsill il-ġdid b'ikel pellets pero qiegħda tħallu l-karti tal-ġażżetti jiġru fl-art u qed toħloq ħmieġ f'post daqshekk publiku. X'jista jsir mil-Kunsill biex titwaqqaf dil-ħaġa?

5.1.11. Is-Sur Carbone issuġġerixxa li nagħmlu sistema ta' traffic management sewwa fejn il-Kulleġġ għax qiegħed ikun hemm konġestjoni kbira. Stephen issuġġerixxa li wara nagħmlu il-pellican lights nitolbu għal aktar dawn.

5.1.12. Rigward il-latrina is-Sur Carbone issuġġerixxa li id-dwal isir bis-sensor sabiex ma jkunx hemm konsum ta' dawl żejjed.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1. Is-Sur Mizzi qal li Kullegg San Benedittu qegħdin jimmiraw biex jirbħu l-green flag u hemm Rodianne qegħda taħdem ħafna. Stephen qal li qed isir sostenn lejn l-istess Kullegg bis-saħħa tal-Gvern.

Is-Sur Mizzi qal ukoll li kellna talba minn għand is-Surmast tal-Primarja is-Sur Jeffrey Caruana fejn qed jitlob għajnuna fuq il-materjal biex jagħmel il-manutenzjoni tal-faċċata ta' l-iskola. Dan ix-xogħol ta' żebgħa ser isir mil-handman li ghandhom l-iskola. Il-prezz taż-

żebgħa ser iqum €465 (Lm200) għall-faċċata kollha. Il-Kunsill ma qabilx li nagħtuh dawn il-flus u ġie iċċarat li l-FTS qegħdin jagħtu EUR500 fis-sena u s-Surmast ma jafx bihom u jista jagħmel dan l-istess xogħol bihom.

5.2.2. Is-Sur Mizzi qal li il-fondi tal-UIF li hemm ivvutati għal }al Kirkop jammontaw għal madwar €10,000. Għalhekk huwa ippropona li dawn nużawhom sabiex nagħmlu il-bandli mil-ġdid. Is-Sinjura Roberts issuġġerietlu li jagħmel kuntatt ma' l-Onor Chris Said sabiex jgħidlu minn fejn ġab il-fondi tal-bandli tal-Bel Veder f' Għawdex.

Is-Sindku qabel mal-proposta ta' Stephen li nivvutaw il-fondi tal-UIF sabiex nagħmlu parti mil-bandli ġdida bħal xi kastell.

5.2.3. Is-Sur Mizzi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex għal-laqgħa li jmiss jippreżenta ir-rendikont tal-Keep Fit sabiex naraw kemm qegħdin jiġu nies u kemm qed noħorġu u indaħħlu.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**
5.2.1. Is-Sinjura Roberts qalet li illum hija ġiet under protest għaliex hi is-soltu it-Tlieta u il-Ġimgħa ma tkunx tista tattendi għal laqgħat. Qalet li hija qabel xejn għandha obbligazzjonijiet lejn il-familja.

**6. Approvazzjoni għall-ordnijiet ġodda**
**6.1. Tiġdid tal-Kuntratt tal-futbol**
Rigward il-kuntratt tal-futbol issa li skada irridu rendikont ta' kemm kien hemm tfal li attendew fin-nerseri u kemm u min kienu l-coaches. Għalhekk kif ikollna dawn l-informazzjoni kollha inkunu nistgħu nipproċedu għall-iffirmar tal-kuntratt.

**6.2. Speċifikazzjonijiet tat-tenders**
Is-Segretarju ħalla dawn l-ispeċifikazzjonijiet esposti għall-Kunsilliera minn ġimgħa qabel u wara li ġew spjegati ġie miftiehem hekk:

It-tenders tal-Bulky u tal-ġbir ta' Skart u ta' l-Attendenza tal-Latrina joħroġu skond l-ispeċifikazzjonijiet eżistenti u kif ppreżentati mis-Segretarju.

Is-Segretarju spjega kif skond l-allokazzjoni ta' l-2008 kull Kunsill jieħu €1,358 kull sena għal kull urinarju. Il-Latrina f'}al Kirkop ser ikollna ħames urinarji.

Fuq il-kuntratt tal-ġbir ta' skart sabiex ikollna aktar moniteraġġ għandna bżonn li kull filgħodu qabel jibda jiġbor xi ħadd mil-ħaddiema tal-kunsill jiċċekkjaw li il-counter tal-load ta' l-iskart ikun għadu 0 u jibda il-kollezzjoni fis-7.30am.

Rigward il-kuntratt tal-Parks and gardens ġie maqbul li jintalbu kwotazzjonijiet u mhux tender għaliex l-ammont ma jaqbizx €4,659 (Lm2,000). Il-kuntratt ser ikun bħal dak eżistenti b'addizjoni tal-ġbir tal-ħaxix u żkuk taż-żabra darba fil-ġimgħa.

Is-Sindku qal li rigward l-iskart riċiklabbli tlabna biex il-Green MT jipprovdi l-boroż il-griżi lir-residenti u jkollhom borża fil-ġimgħa. Il-boroż għandhom ikunu il-Kunsill il-ġimgħa d-dieħla.

Fl-istess kuntratt ser ikollna li jekk l-ammont ta' skart riċiklabbli jaqbeż dak stipulat jingħataw €7 kull tunnellata lill-Kunsill. Għalhekk irridu naraw f'jagħmlu bl-iskart riċiklabbli kumpanniji bħal ST Microelectronics, Multigas u l-iskejjel jekk aħniex responsabbli mil-iskart aħna bħala Kunsill.

Is-Segretarju ġie mitlub isaqsi lid-Dipartiment ħalli naraw jekk l-iskart tal-Kulleġġ San Benedittu aħniex responsabbli minnu aħna wkoll u jekk iva għaliex m'aħniex nieħdu allokazzjoni għalih.

Jekk l-iskart riċiklabbli ta' l-iskola ser jibda jieħu ħsiebu l-Kunsill ser inqabbdu lil Kuntrattur li ser jingħata it-tender sabiex jipprovdi bins fl-iskejjel u jkunu jistgħu jgħażlu l-iskart aktar faċilment.

Fil-każ ta' li skart organiku jekk il-Kunsill jingħata l-allokazzjoni niġbruh aħna. Is-Sinjura Roberts saqsiet lis-Sindku kif qegħdin ifl-preżent u qallha li bħalissa qegħdin niġbruwulhom aħna.

Rigward l-ST is-Sindku qal li bagħtilhom sabiex naraw kif inhi s-sistema tagħhom ta' l-iskart. Imma jekk għandhom sistema għalihom aħna ma nistgħu nagħmlu xejn u jkomplu jaħdmu kif qed jaħdmu fil-preżent. Fuq dan l-istess argument is-Sindku qal li tajjeb li inkunu accountable mil-waist management tal-Kumpanniji f'}al Kirkop.

Rigward it-tender tal-knis Mario issuġġerixxa li bħala speċifikazzjoni ikollna li il-Kunsill qed jitlob persuna li tagħmel xogħol ta' knis u li tagħmel il-metraġġ stipulat bil-liġi kuljum. Għalhekk is-Segretarju ġie mitlub isaqsi lis-Sur Mario Rogers kemm huwa il-metraġġ standard ta' persuna li trid tiknes f'ġurnata xogħol.

Ġie maqbul li il-core tar-raħal isir kuljum mentri il-bqija tar-raħal isir minn ta' l-anqas darba fil-ġimgħa.

**7 Awtorizzazzjoni tal-Pagamenti**
7.1. Il-pagamenti għaddew kollha.

**8. Affarijiet oħra**
8.1. Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**9. Konklużjoni**
9.1. Il-laqgħa intemmet fit-7pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**